NEWSPAPER POST

# SANCTA CATHARINA, ZURRICANORUM PATRONA

Edizzjoni Nru. 17
Awissu, Settembru, Ottubru 2008

GAZZETTA MAĦRUĠA MIS-SOĊJETÀ MUŻIKALI SANTA KATARINA V.M.,
PALAZZ ALEXANDRIA, 37, MISRAĦ REPUBBLIKA, ŻURRIEQ.
TEL. 21647826 - 21640354 - www.stcatherineband.org.mt



## IL-KELMA TAL-PRESIDENT - *Is-Sur Charles Schembri*



Iż-żmien għaddej ġmielu qisu riħ, u ftit ġimgħat oħra nsibu ruħna fl-aqwa tal-festa tal-Patruna tar-raħal tagħna Santa Katarina Verġni u Martri ta' Lixandra. Verament li ż-żmien għadda malajr, iżda aħna qatt m'hu ser ninsew lil ħutna vittmi tan-nar. Minkejja t-traġedja li ġratilna fil-bidu ta' din is-sena amministrattiva, li kienet daqqa ta' ħarta kbira għas-Soċjeta' tagħna, il-ħajja tas-Soċjeta' reġgħet ġejja għan-normal. Il-preparazzjonijiet u x-xogħol l-ieħor konness mal-festa titulari bħalissa jinsabu fl-aqwa tagħhom. Sabiex setgħu isiru dawn il-preparazzjonijiet, diversi membri flimkien mal-Kumitat Ċentrali u mas-Sotto Kumitati tas-Soċjeta' tagħna, wettqu ħafna xogħol volontarju u b'sagrifiċċju, ħalli naraw li din il-festa tant għażiża tilħaq l-ogħla livell mixtieq.

Ma nistax ma nsemmix l-impenn kbir tas-Sotto Kumitati li flimkien mal-Kumitat Ċentrali li ħadmu bla heda diversi attivitajiet tant sbieħ li fl-istess ħin ikunu ta' fund raising b'risq is-Soċjeta'. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li bi ħġarhom attendew għal dawn l-attivitajiet li issa mlew il-Kalendarju tas-Soċjeta', u nħeġġiġkom li tħeġġu oħrajn ħalli wkoll jattendu u jipparteċipaw magħna f'dawn l-attivitajiet. Jiena ċert, anzi persważ, li b'dawn l-attivitajiet qegħdin nilħqu lill-membri u lill-ammiraturi tas-Soċjeta' tagħna kollha, ta' kull eta', kif ukoll qegħdin inkabbru isem is-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina Verġni u Martri b'talenti diversi, fosthom dawk mużikali kif ukoll kulturali.

Ta' dawn l-attivitajiet għandna napprezzaw kif ukoll nirringrazzjaw lil dawk kollha li b'xi mod jgħinu sabiex jintlaħaq il-livell mixtieq. Jiena nħoss li ringrazzjament speċjali għandu jmur lid-dilettanti tan-nar, li minkejja t-trawma ferm kerha li għaddew minnha fit-traġedja tal-post tan-nar, għamlu dak kollu li setgħu sabiex ikabbru u jsebbħu din il-festa titulari tant magħrufa. F'dawn il-ġimgħat li ġejjin nappella sabiex ilkoll ningħaqdu flimkien u nagħtu l-għajnuna tagħna lkoll fl-armar u dak kollu li jkompli jkabbar il-festa titulari, kif ukoll inkunu ġenerużi fid-donazzjonijiet li noffru, kemm għall-festa esterna, kif ukoll interna.

Nappella wkoll li dawn il-festi li se nagħmlu ad unur il-patruna tagħna Santa Katarina Verġni u Martri jkunu devozzjonali u dinjitużi. Għandna nifirħu, u fl-istess ħin inferrħu lil kulħadd ħalli jkollna festa Nisranija. L-imħabba lejn Santa Katarina patruna tagħna għandha tkun f'kull wieħed u waħda minna, billi nattendu għall-funzjonijiet tant sbieħ li jsiru fit-Tempju Katarinjan u nersqu għas-Sagramenti Mqaddsa, li huma l-qofol tal-festa. J'Alla minn dawn il-festi joħroġ ħafna ġid spiritwali.

Filwaqt li nirringrazzjakom tas-sapport li dejjem sibt, insellem lid-devoti ta' Santa Katarina Verġni u Martri patruna tar-raħal tagħna ż-Żurrieq, u nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.

SEGWU L-EWWEL RADJU TAL-KOMUNITA'
ĠEWWA Ż-ŻURRIEQ
RADJU SANTA KATARINA
FUQ 90.6 FM



190 sena ssebbaħ it-Tempju u r-Raħal Twegħek



# Attivitajiet organizzati mill-Każin tal-Banda Santa Katarina V.M. Żurrieq fit-tliet xhur li ġejjin

*(Dettalji fis-Sezzjonijiet rispettivi fil-gazzetta)*

| | | |
|---|---|---|
| 02/08/2008 | 8.00pm | BBQ Kbir ġewwa l-Għadira mas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti. |
| 06/08/2008 | 8.15pm | Marċ għall-festa ta' San Lawrenz ġewwa l-Birgu. |
| 07/08/2008 | 8.00pm | GET TOGETHER xahar qabel il-festa ġewwa l-Każin |
| 08/08/2008 | filgħaxija | Pellegrinaġġ devozzjonali ġewwa l-Belt Valletta |
| 14/08/2008 | 7.00pm | Marċ u programm ġewwa l-Qrendi fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija. |
| 15/08/2008 | 7.30pm | Marċ fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija ġewwa l-Qrendi. |
| 17/08/2008 | 9.00pm | Marċ fiż-Żurrieq ġewwa Bubaqra fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija |
| 24/08/2008 | filgħaxija | Ikla kbira ġo Pjazza Repubblika mas-Sezzjonijiet Armar u Nar. |
| 27/08/2008 | filgħodu | Coffee Morning ġewwa l-Lukanda Canifor. |
| 29/08/2008 | 8.00pm | The Street Banana Power mas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti |
| 30/08/2008 | 7.30pm | Lejla Maltija Grandjuża organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti |
| 31/08/2008 | 7.00pm | Il-Banda Santa Katarina VM tilqa' fuq iz-zuntier il-Patruna Santa Katarina VM |
| 31/08/2008 | 8.30pm | Marċ ġewwa t-toroq taż-Żurrieq għall-festa titulari. |
| 04/09/2008 | 8.45pm | Marċ qasir minn Triq il-Kbira u programm mużikali fuq il-Planċier. |
| 05/09/2008 | 9.30pm | Marċ ġewwa ż-Żurrieq b'dimostrazzjoni tal-istatwa ta' Santa Katarina V.M. |
| 06/09/2008 | 10.30am | Marċ tradizzjonali tat-Te Deum minn quddiem il-Knisja. |
| 07/09/2008 | 8.30am | Marċ li jwassal lill-Prim Konċelebrant għall-quddiesa solenni ta' nhar il-festa. |
| 13/09/2008 | 8.00pm | BBQ kbir Sibt wara l-festa mas-Sezzjoni Nar. |
| 28/09/2008 | 6.00pm | Marċ ġewwa d-Daħla r-Rabat fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Katarina V.M. |
| 05/10/2008 | 7.00pm | Marċ u programm għall-festa tal-Madonna tar-Rużarju ġewwa ż-Żurrieq. |

## BORD EDITORJALI:

| | |
|---|---|
| Darmanin Lorna | Editriċi |
| Gatt Anna Maria | Assistenta Editriċi |
| Camilleri Moses | Kaxxier |
| Cassar Mark | Website Designer |
| Cassar Karl | Website Designer |
| Camilleri Moses | Rappreżentant Sezzjoni Armar |
| Darmanin Joseph | Rappreżentant Kumitat Ċentrali |
| Farrugia Catherine | Reppreżentanta Sezzjoni Nisa |
| Farrugia Richard | Rappreżentant Kummissjoni Banda |
| Sammut Faustina | Rappreżentanta Kumitat Kultura |
| Schembri Alan | Rappreżentant Sezzjoni Nar |
| Schembri Kevin | Rappreżentant Sezzjoni Żgħażagħ |

## EDITORJAL

Għeżież membri u ammiraturi tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M., wasal il-qofol ta' dak kollu li ilna naħdmu għalih għal dawn l-aħħar xhur, waslet il-festa tal-Patruna tar-raħal, festa li ilha tferraħ iż-|rieraq għal aktar minn 700 sena! Din is-sena qed nistennewha b'mod partikolari, sabiex nistiednu lill-maħbuba tagħna Santa Katarina toħroġ fit-toroq Żrieraq u tberikna bħala omm ir-raħal, tbiegħed minna kull tiġrib, u tgħinna nilqgħu is-slaleb li biha hija mgħobbija l-ħajja tagħna bħala bnedmin.

Permezz ta' din in-newsletter nistednukom tattendu għal dawk l-attivitajiet kollha li s-Soċjeta' u l-membri ħabrieka tagħha qed jorganizzaw bħala tħejjija għall-festa, u nħeġġukom tagħmlu s-suġġerimenti tagħkom sabiex dejjem inkunu nistgħu ngħollu l-livell ta' dak kollu li nagħmlu.

Infakkarkom li kull min jixtieq kopji żejda tal-gazzetta jikkuntattjana, kif ukoll kull min jixtieq jirreklama fil-gazzetta jew jixtieq jgħaddilna xi ritratti, suġġerimenti jew artikli ta' nteress. Ibagħtu l-ittri tagħkom hekk: L-Editur, Sancta Catharina Zurricanorum Patrona, Palazz Alexandria, Misraħ Repubblika, Żurrieq. Tistgħu ukoll tikkuntattjawna permezz tal-email fuq info@stcathrerineband.org.mt

Nixtieq minn qalbi nawgura festa mimlija sodisfazzjon u ferħ lill-Bord Editorjali, lill-President u l-Kumitat, is-Sotto Kumitati kollha u l-familji tagħhom, is-Surmast u l-Assistet Surmast, il-Bandisti, u l-membri kollha ta' din il-familja kbira Katarinjana. J'Alla tkun festa li tkompli tgħaqqadna u tagħtina kuraġġ inkomplu naħdmu mill-qalb għall-Patruna tagħna Santa Katarina V.M. **LORNA DARMANIN - EDITRIĊI**

## LEJLA MALTIJA GRANDJUŻA

**Is-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti se torganizza Lejla Maltija Grandjuza nhar is-Sibt 30 t'Awissu 2008 fi Triq Don Carlo de Giovanni Nglott. Ser ikun hemm Spettaklu ta' Kantanti Rinomati u ikel varjat tipikament Malti**

## BANANA POWER



**Palmisti Promotions is proudly presenting "The Street Banana Power" on Friday 29th August 2008 at Don Carlo De Giovanni Nglott Street.Join us & enjoy the unique Summer vibe at Zurrieq Tickets out soon**

# Avvenimenti mportanti - miġbura minn Jeremy Cachia

## Il-Bradella ta' Santa Katarina V.M. – 50 sena



Il-Bradella ta' Santa Katarina V.M.

Kien fix-xahar ta' Ġunju 1958 fil-festa ta' Santa Katarina V.M. ta' 50 sena ilu meta żżanżnet il-bradella tant sabiħa ta' Santa Katarina V.M., bradella fost l-isbaħ fil-gżejjer Maltin li tagħmel ġieħ lill-istatwa ta' Marjanu Gerada. Kellhom ikunu l-qlub ġenerużi tas-Sur Alfons Gauci u martu Giuseppina nee Saydon, devoti kbar ta' Santa Katarina V.M., flimkien mal-ħeġġa tal-Arċipriet Gauci li l-ħolma tal-bradella saret realta'. Id-disinn ta' din il-bradella ħareġ mill-imgħallem, l-iskultur Manwel Buhagiar, wieħed mill-aqwa skulturi tas-seklu l-ieħor, fejn id-disinjatur ma qgħadx iħares kemm se tiġi tiswa flus. Ix-xogħol tal-bradella nħadem barra minn Malta għand id-ditta Ferdinando Perathoner e Figli ta' Ortisei, Bolzano fl-Italja, wara li ħafna mgħallmin Maltin irrifjutaw dan ix-xogħol. Il-bradella nħadmet minn Injam tal-Ġewż. Is-seher tal-bradella mhux qiegħed biss fl-istatwi allegoriċi fil-bronż li jiddominaw iċ-ċentri ta' kull faċċata bl-istatwetti fil-bronż ukoll tal-Qaddisin Verġni u Martri fuq kull naħa tagħhom, imma l-maestrija tinsab f'kull dettall ta' l-iskultura, mazzettuni u rosetti li jifirdu u jżejnu d-diversi taqsimiet tal-bradella. Tajjeb li kull min iħares lejn din il-bradella b'mod speċjali din is-sena, niftakru wkoll fl-antenati tagħna li ħolmu, ħażżu, u wettqu dan il-kapolavur biex fuqha titpoġġa l-vara għażiża ta' Santa Katarina V.M., u fosthom niftakru fil-benefatturi tagħha; is-Sur Alfons Gauci u martu Giuseppina!!

## L-istatwa titulari ta' Santa Katarina V.M. (1818-2008)



SANTA KATARINA V.M.

Fil-ħarġa li għaddiet tajna ħarsa lejn id-dettalji artistiċi sbieħ li hija mgħonija bihom l-istatwa ta' Santa Katarina V.M. Tajjeb ngħidu li matul iż-żminijiet l-istatwa ta' Santa Katarina V.M. għaddiet minn żewġ interventi fejn tidħol l-induratura. Fl-1845, l-istatwa kienet ġiet indurata minn Mastru Pawl Schembri u ħuh. Ftit għandna tagħrif ta' kif kienet l-induratura dak iż-żmien, ħlief għal ftit ritratti li ttieħdu fl-1893 tal-Knisja Parrokjali minn meta l-Knisja ġiet mgħollija għat-titlu ta' Arċipretali mill-Papa Ljun XIII. Ta' nteress ukoll kien il-pedestall l-antik ta' Santa Katarina V.M. li llum-il ġurnata jinsab taħt San Franġisk fil-parroċċa tat-Trinita' fil-Marsa. L-1915 kienet sena mportanti ħafna għall-parroċċa taż-Żurrieq fejn l-istatwa titulari ġiet indurata mill-ġdid mill-induratur Żurrieqi u ta' fama kbira, Mastru Francesco Coleiro, fuq disinn wisq isbaħ. Din id-darba sarilha l-isgraffir ukoll, voldieri id-disinni ġew imnaqqxin u mqabbżin ftit 'il barra. M'għandniex xi ngħidu dan ix-xogħol kompla sebbaħ il-kapolavur tal-Marjani. F'dik l-istess sena wkoll fl-1915, ġie mżanżan il-pedestall sabiħ ukoll ta' taħt l-istatwa. Fatt interessanti nsemmu hu li d-devoti Żrieraq niżżlu l-istatwa ta' Santa Katarina V.M. mill-Belt, saż-Żurrieq fuq l-ispallejn; ħaġa li llum impossibli li ssir! Il-Banda Santa Katarina V.M. ma qgħaditx lura milli tnaqqax isimha f'dan l-avveniment storiku. Fit-tieni tridwu, il-Ħadd 21 ta' Novembru 1915, il-Banda akkumpanjat l-istatwa titulari ta' Santa Katarina V.M. mill-kappella ta' San Ġakbu sal-Knisja Arċipretali fost il-ferħ u l-entużjażmu kbir taż-Żrieraq preżenti, fejn l-Arċipriet Dun Manwel Mifsud bierek l-istatwa *(....ikompli f'edizzjoni 18).*

## Il-Festa ta' Santa Katarina V.M. fiż-Żejtun 2008.

Matul it-tieni Ħadd ta' Ġunju ġiet iċċelebrata l-festa ta' Santa Katarina V.M. ġewwa ż-Żejtun. Ħadna pjaċir ninnotaw li kemm il-Banda Santa Katarina V.M. u kif ukoll il-Banda Queen Victoria; iż-żewġ baned Żrieraq, kienu mistiedna sabiex idoqqu u jiċċelebraw il-festa tal-Patruna tagħna Santa Katarina V.M. ġewwa l-Belt Beland, u taw ġieħ lill-Patruna tagħna b'daqq ta' innijiet f'ġieħ Santa Katarina V.M. fost oħrajn. Dan jawgura ġejjieni sabiħ u għandna nħarsu 'l quddiem sabiex il-pika fuq il-Qaddisin ma tkunx fuq l-aġenda tal-festi tagħna. Nawgura festa qaddisa tal-Madonna tal-Karmnu li tiġi ċċelebrata ġewwa r-raħal tagħna fiż-Żurrie.

**NAWGURAW IL-FESTA TITULARI TA' SANTA KATARINA V.M. IT-TAJBA LIŻ-ŻRIERAQ KOLLHA**

# Sotto Kumitat tal-Kultura - *Faustina Sammut - Kaxxiera*



Għeżież membri, f'dawn l-aħħar xhur is-sotto-kumitat kultura baqa' għaddej bil-ħidma tiegħu fi ħdan is-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M.. Bħal kull Sotto-kumitat ieħor aħna ħdimna b'żewġ ħsibijiet f'moħħna: li nkomplu nkabbru l-isem tas-Soċjeta' tagħna u li norganizzaw attivitajiet li bihom inressqu aktar nies qrib din is-Soċjeta' tant għażiża għalina. L-attivita' prinċipali tagħna f'dawn l-aħħar xhur kienet ir-re-enactment tat-Tieġ Malti ta' l-Imgħoddi, attivita' li jidher li se ssir parti mill-kalendarju annwali tas-Soċjeta' tagħna. Fis-17 ta' Mejju, folol ta' nies, kemm Żrieraq u kemm mhumiex, assistew għal spettaklu ta' kultura Maltija: kostumi, għana, snajja tradizzjonali kif ukoll ikel tipikament Malti. Kienet idea tajba ħafna illi t-Tieġ sar filgħaxija u wara l-bidu ta' l-għerusija fil-pjazza, wieħed seta' jammira s-sbuħija tat-toroq taż-Żurrieq, mixgħula bil-fjakkli, waqt il-mixja taħt il-baldakkin. Il-kappella ta' San Bert kienet il-post ideali għaċ-ċerimonja taż-żwieġ. Wara ltqajna lkoll għall-ikel fl-isfond tal-Mitħna tax-Xarolla. Kienet attivita' oħra ta' suċċess, fejn mhux biss in-nies iddedivertew iżda wkoll tgħallmu ħafna dwar il-kultura ta' pajjiżna.

Iżda dan it-Tieġ ma waqafx hawn. Il-Kumitat Nazzjonali għall-Kultura, li għandu f'idejh l-organizzazzjoni ta' attivitajiet nazzjonali, stieden lis-Soċjeta' tagħna biex dan ir-re-enactment jerġa' jittella fil-ġonna tal-Buskett, bħala wieħed mill-attivitajiet ewlenin għall-festa ta' l-Imnarja għal din is-sena. B'hekk l-isem tas-Soċjeta' tagħna ssemma wkoll f'attivitajiet nazzjonali bħal dawn li għalihom jattendu eluf ta' Maltin u turisti.

Ma nistax ma nirringrazzjax lis-sotto-kumitat Kultura kollu li f'dawn l-aħħar xhur ħadem kemm felaħ għal dan is-suċċess, kif ukoll lill-Kumitat Ċentrali għall-appoġġ li dejjem insibu. Grazzi kbira lid-direttur Chev. Lorrie Collins li pproduċa u dderieġa dan ir-re-enactment b'mod professjonali. Tajjeb li wieħed ikun jaf ukoll illi issa s-Soċjeta' tagħna għandha vestwarju ta' kostumi tagħha personali u dan grazzi għall-ħidma kbira illi għamlu Josephine Falzon, Rita Camilleri u Jesmond Bonnici. Ringrazzjament ieħor imur ukoll għall-isponsors kollha illi għenuna u għar-re-enactors, illi kemm fiż-Żurrieq kif ukoll fil-Buskett, urew kemm għandna Soċjeta' mimlija talent u li wieħed għandu jiftaħar biha. Grazzi wkoll lilkom kollha illi dejjem tattendu bi ħġarkom għall-attivitajiet tagħna. Inħeġġukom biex tibqgħu issegwu din in-newsletter għal aktar informazzjoni dwar attivitajiet illi se norganizzaw fil-futur. Nawgura l-festa t-tajba lilkom ilkoll u j'Alla Santa Katarina żżomm idejha fuqna u tberikna.





## IL-MULEJ SEJĦILHOM BIEX JIDĦLU FIL-FERĦ MA' SANTA KATARINA V.M. GĦAL DEJJEM



Il-Membru Antonia Zammit 08/05/2008
Il-Membru Imelda Camilleri 01/07/2008

*Agħtihom O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.*

### Avviżi - Kunċerti Ġenerali

It-Tlieta 5 t'Awissu 2008 fis-6.30pm
It-Tnejn 11 t'Awissu 2008 fis-6.30pm
Il-Ħamis 21 t'Awissu 2008 fis-6.30pm
Is-Sibt 30 t'Awissu 2008 fis-2.00pm
Il-Ġimgħa 8 t'Awissu 2008 fis-6.30pm
It-Tlieta 19 t'Awissu 2008 fis-6.30pm
It-Tlieta 26 t'Awissu 2008 fis-6.30pm

### Tagħlim u Lezzjonijiet tal-Banda

Kull nhar ta' Sibt mit-8.30am sal-11.30a.m. – Music Teacher Josef Grech fl-assenza tas-Surmast Direttur Mro. Francis Falzon – Sezzjoni Injam.
Kull nhar ta' Tlieta mill-4.15pm sas-6.45pm – Assistent Surmast Mro. Mario Testa – Sezzjoni Ram.

## Attivitajiet tal-Banda Santa Katarina V.M.

*- Richard Farrugia*
*Chairman Kummissjoni Banda*

**Nhar l-Erbgħa 6 t'Awissu 2008** il-Banda Santa Katarina V.M. ser tagħmel marċ fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Lawrenz ġewwa l-Birgu. Il-Marċ jibda fit-8.15pm.

**Nhar il-Ħamis 14 t'Awissu 2008** il-Banda Santa Katarina V.M. tagħmel marċ u programm ġewwa l-Qrendi fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija. Is-servizz jibda fis-7.00pm b'marċ fit-toroq tal-Qrendi, fejn wara l-banda tagħmel programm fuq il-planċier quddiem il-Knisja.

**Nhar il-Ġimgħa 15 t'Awissu 2008,** il-Banda Santa Katarina V.M. taġġmel servizz ta' marċ fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija ġewwa l-Qrendi. Is-servizz jibda fis-7.30pm.

**Nhar il-Ħadd 17 t'Awissu 2008** il-Banda Santa Katarina V.M. tagħmel marċ fiż-Żurrieq ġewwa Bubaqra fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija. Il-marċ jibda fid-9.00pm.

**Nhar il-Ħadd 31 t'Awissu 2008,** il-Banda Santa Katarina V.M. fis-7.00pm tilqa' fuq iz-zuntier il-ħruġ min-ni“a tal-Patruna Santa Katarina V.M., fejn wara fit-8.30pm, terġa' tibda' marċ mat-toroq taż-Żurrieq wara li jsir it-tqegħid tal-fjuri quddiem il-monument tal-pjazza.

**Nhar il-Ħamis 4 ta' Settembru 2008,** il-Banda Santa Katarina V.M. tagħmel marċ qasir li jibda fid-8.45pm minn Triq il-Kbira sa Pjazza Repubblika, fejn wara tagħmel programm mużikali fuq il-Planċier artistiku tagħha.

**Nhar il-Ġimgħa 5 ta' Settembru 2008,** il-Banda Santa Katarina V.M. tibda marċ fid-9.30pm b'dimostrazzjoni tal-istatwa ta' Santa Katarina V.M. fejn għall-ħabta ta' nofs il-lejl, l-istatwa tittella' fuq pedestal bid-daqq tal-Innu Marċja Banda Santa Katarina.



*il-Banda ddoqq ġewwa tas-Sliema għall-festa tal-Madonna tas-Sacro Cuor*

**Nhar is-Sibt 6 ta' Settembru 2008,** il-Banda Santa Katarina V.M. fl-10.30am tibda l-marċ tradizzjonali tat-Te Deum minn quddiem il-Knisja fejn iddur ma' xi toroq taż-Żurrieq, waqt li fis-2.30pm jispiċċa fi Pjazza Repubblika fost briju kbir.

**Nhar il-Ħadd 7 ta' Settembru 2008,** il-Banda Santa Katarina V.M. fit-8.30am tibda marċ minn Triq Dun Ġużepp Żammit fejn twassal lill-Prim Konċelebrant għall-quddiesa solenni tal-festa tal-Patruna taż-Żrieraq.

**Nhar il-Ħadd 28 ta' Settembru 2008,** il-Banda Santa Katarina V.M. tagħmel marċ ġewwa d-Daħla r-Rabat fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Katarina V.M. Il-marċ jibda hekk kif toħroġ il-purċissjoni għall-ħabta tas-6.00pm.

**Nhar il-Ħadd 5 t'Ottubru 2008,** il-Banda Santa Katarina V.M. tagħmel servizz ta' marċ u programm fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tar-Rużarju ġewwa ż-Żurrieq. Il-marċ jibda fis-7.00pm kif toħroġ il-purċissjoni minn Triq il-Kbira, fejn wara tagħmel programm fi Pjazza Repubblika.

## AVVIŻ - Lejla Maltija Grandjuża

**Il-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti jixtieq javża lill min jixtieq jieħu sehem fil-Lejla Maltija Grandjuża għandu jiġbor applikazzjoni mill-Bar tal-Każin jew mingħand il-membri tal-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti. Kull min ikun interessat, għandu jimla l-applikazzjoni u jirritornaha sa mhux aktar tard min-nhar il-Ħamis 31 ta' Lulju 2008. Kull min hu interessat jista' jikkuntatjana fuq in-numru 79056662. Ħadd mhu se jitħalla jieħu sehem mingħajr ma jimla din l-applikazzjoni.**



# Għalikom it-Tfal *- Anna Maria*

Kif intom? Naħseb żgur li tinsabu tajbin tgawdu l-vaganzi tas-sajf, u tistennew fuq ix-xwiek il-ġranet tal-festa ta' Santa Katarina V.M. Din is-sena se jerġgħu jkunu festi speċjali peress li qed infakkru il-190 sena minn meta l-istatwa titulari ġiet fostna, fiż-Żurrieq. Importanti li nammiraw mhux biss is-sbuħija artistika ta' l-istatwa, iżda s-sbuħija ta' ħajja li għexet Santa Katarina, dejjem lesta biex tħobb lil Ġesu' u tgħix biss kif iridna hu.



Illum mhux se nwasslilkom informazzjoni dwar qaddisin li jisimhom ukoll Katarina. Dawn se nkompluhom fl-edizzjoni li jmiss tan-newsletter. Illum xtaqt, fl-okkażjoni tal-festa tagħna, naqsam magħkom xi nformazzjoni dwar kif il-festi tal-parroċċa jiġu ċċelebrati fi gzira ftit 'il boghod minna; Sqallija, fejn hemmhekk ukoll jagħmlu festi kbar għall-padruni tagħhom.

Fl-10 t'Awissu, fil-provinċja ta' Sirakuza tiġi ċċelebrata l-festa ta' San Bastjan, li huwa l-padrun tal-belt ta' Palazzolo Acreide. Din il-festa hija popolari ħafna u hija mifruxa fuq għaxart ijiem. Fil-jum tal-festa filgħodu, isir it-tberik tal-ħobż quddiem il-knisja. Dan il-ħobż imbagħad jitqassam fl-istituti tat-tfal u l-anzjani. Fis-siegħa ta' wara nofs in-nhar imbagħad, toħroġ il-purċissjoni tar-relikwa kif ukoll l-istatwa tal-qaddis. Din tintrefa' fuq l-ispallejn u tkun akkumpanjata minn ħafna nisa li jimxu wara l-purċissjoni ħafjin. Barra minn hekk, jintefgħu miljuni ta' karti rqaq ikkuluriti u jinħarqu ħafna murtali. Waqt il-purċissjoni, t-trabi u t-tfal żgħar jintrefgħu fil-għoli u jittellgħu ħdejn l-istatwa bħala devozzjoni. L-aktar ħaġa spettakolari li ssir hi li fi Triq Fiumegrande, li hija triq wieqfa ħafna. L-irġiel jiffurmaw katina u l-istatwa tgħaddi minn fuq spalla għall-oħra. Dan kollu jseħħ f'jum il-festa. Fil-ġranet ta' wara l-festa jkunu organizzati ħafna attivitajiet oħra fosthom anke kunċerti ta' mużika.

i'm lovin' it

Għall-okkażjoni tal-festa, l-istatwa ta' San Bastjan tiżżejjen b'ħafna deheb u ħafna xinxilli oħra. Xi rġiel jitilgħu anke bil-wieqfa ħdejn l-istatwa, jgħajtu u jkantaw innijiet. Fl-opinjoni tiegħi, dawn ma tantx huma affarijiet ta' devozzjoni, iżda jidher li din hija xi ħaġa komuni ħafna fil-festi Sqallin. Jekk tridu taraw aktar ritratti dwar din il-festa tistgħu tidhlu fis-sit **www.sansebastiano.org**

Fil-kompetizzjoni tal-lum irridkom issibu l-ismijiet ta' sebat ibliet illi nsibu fi Sqallija. Fi tlieta minnhom, il-Banda tagħna daqqet ukoll, ħafna snin ilu. Bħas-soltu ibagħtu l-kompetizzjoni tagħkom f'dan l-indirizz: **Zurricanorum Patrona, Kompetizzjoni tat-Tfal, Palazz Alexandria, Misraħ Repubblika, Żurrieq.**

Jien nixtieq nawgura lilkom u lill-familji tagħkom il-festa t-tajba u nħeġġiġkom tattendu għaċ-ċelebrazzjonijiet kollha, kemm ta' barra kif ukoll ta' ġewwa. Inħeġġeġ ukoll lil dawk li huma akbar fl-eta' biex jagħtu daqqa t'id kemm fl-armar kif ukoll fl-organizzazzjoni tal-ħafna attivitajiet li s-Soċjeta' tagħna jorganizza f'dawn il-ġranet.

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| T | A | O | R | M | I | N | A |
| C | D | M | A | V | B | O | M |
| A | S | L | G | O | A | T | C |
| T | N | C | U | Z | E | O | L |
| A | M | E | S | S | I | N | A |
| N | F | O | A | S | T | I | P |
| I | P | A | L | E | R | M | O |
| A | C | I | R | E | A | L | E |





## CD MARĊI BRIJUŻI BIL-KANT

**CD ta' marċi ġodda bil-kant kantati minn Stephen Mizzi. Għall-Bejgħ mingħand is-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti jew mill-Bar tal-Każin.**

## BBQ - GĦADIRA

**Nhar is-Sibt 2 t'Awissu 2008 ġewwa l-Għadira, organizzat mis-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti.**
**Biljetti mill-Bar tal-Każin jew mingħand is-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti.**



# Nota Amministrattiva - *mis-Segretarju, is-Sur Joseph Darmanin*

Din in-Newsletter inħares lejha bħala arloġġ tas-Soċjeta'; tfakkrek kemm għaddej jiġri ż-żmien, pero' tfakkrek ukoll f'dak kollu li jkun qed jiġri, sew tal-passat, preżent u futur – dak kollu li hi s-Soċjeta'. Din il-ħarġa tkun forsi l-aktar waħda mistennija, u dan għax twassalna għaż-żmien sabiħ tal-festa tal-patruna tagħna. Ma nistax ngħid li din is-sena s-Soċjeta' għaddiet minn żmien sabiħ, pero' minkejja dan għarafna nagħmlu dak kollu possibli biex nerġgħu inqumu fuq saqajna. Dan urejnieh biċ-ċar b'ħafna attivitajiet, imma anke b'ħafna xogħol li sar mill-Kumitat u mis-Sotto Kumitati tas-Soċjeta'. Min jaqra din il-gazzetta regolari u jidħol fil-website tas-Soċjeta' jista' jara dan bil-fatti.

Issa jmiss ix-xahar t'Awissu u Settembru, xahrejn imprezzabli li jwassluna għall-jiem sbieħ tal-festa. Il-Kumitat flimkien mas-Sotto Kumitati kollha għandhom bżonn l-għajnuna għal dak kollu li jkun qed isir; nar, armar, briju, tindif, organizzazzjoni, u ħafna affarijiet oħra. Toqogħdux lura, ejjew għinu. Kull għajnuna għalina tiswa mitqlu deheb.

Kif forsi smajtu, kellna xi tibdil żgħir fl-organizzazzjoni tal-festa, fejn fost oħrajn żidna ikla kbira għall-partitarji fi Pjazza Repubblika il-Ħadd 24 t'Awissu. Ir-riċeviment tradizzjonali ser jinqasam fi tnejn; nhar it-Tnejn 25 t'Awissu għall-membri tas-Soċjeta', u nhar l-Erbgħa 27 t'Awissu għall-mistiedna distinti fosthom il-każini tal-baned mistiedna. It-Tlieta 26 t'Awissu ikun il-kunċert ġenerali, għalhekk inħeġġeġ lill-bandisti biex jattendu aktar regolari għax iż-żmien issa daħal sew. Il-Ħamis 28 t'Awissu l-Lejla Katarinjana, 29 t'Awissu Palmisti Fest, 30 t'Awissu Lejla Maltija, u minn hemm nibdew il-ġranet tal-festa.

Sar xi tibdil żgħir fit-toroq tal-marċi biex nolqtu aktar toroq u fl-istess ħin ikollna ħin biżżejjed sabiex il-marċ jasal il-pjazza f'ħin tajjeb. Infakkar ukoll li din is-sena Radju Santa Katarina 90.6 FM ser ikun qed ixandar fuq skeda itwal. Għalhekk għandna bżonn aktar għajnuna. Infakkar ukoll sabiex nakkumpanjaw lill-Banda fis-servizzi tagħha – is-sapport lill-bandisti jagħmlilhom kuraġġ kbir.

Wara l-festa jkun għad fadal xogħol kbir, kull min jarma jrid iżarma – għinuna f'dan ukoll. L-aħħar jiem ta' Settembru u Ottubru jkunu mpenjattivi bi preparamenti għal Seduta Ġenerali, Kumitati Ġodda u Elezzjonijiet, biex tkompli l-ħidma għal sena oħra fl-istorja glorjuża tas-Soċjeta'. Minkejja l-problemi, is-Soċi u l-partitarji tagħna dejjem kienu baħrin tal-maltemp u xhieda ta' dan hija l-istess Soċjeta' – missirijietna tal-passat, aħna tal-preżent, u uliedna tal-futur; dejjem b'għan ewlieni – serjeta', prima klassi, u mħabba kbira lejn il-patruna tagħna Santa Katarina V.M.

Biex nagħlaq nixtieq f'isem il-Kumitat nirringrazzja lis-Sotto Kumitati kollha, il-Bord Editorjali, Surmastrijiet u bandisti, membri, benefatturi, u lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor tawna l-għajnuna. Nitlob ukoll koperazzjoni mingħand kulħadd biex nimxu id f'id mal-Kumitat fl-organizzazzjoni tal-festa tagħna. Il-festa t-tajba lil kulħadd u Viva Santa Katarina V.M.

# Rokna tan-Nisa - *Catherine Farrugia*

Għeżież Palmisti,

Reġgħet waslet festa oħra. L-akbar festa fiż-Żurrieq. Fil-festa joħorġu r-riżultati ta' sena ħidma fejn kull sezzjoni bl-għaraq ta' xbinha taħdem biex tkabbar l-ewwel u l-akbar festa fiż-Żurrieq. Kienet sena ta' ħidma u biex nuru dan is-Sezzjoni Nisa qegħdin naħdmu biex naraw is- Sala ta' l- arkivju Ġużeppi Gauci lesta u kompluta minn kollox. Dan se nuruh b'sett purtieri il-ġmiel tagħhom. Il- proġett irid ħafna xogħol u ħin iżda bl- għajnuna ta' Santa Katarina x- xogħol miexi u miexi sew.

Għaldaqstant l-attivitajiet ma waqfux. Kull nhar ta' Tlieta jiġu gruppi ta' turisti fejn jieqfu għall-brejk fil-każin tagħna. Kull ġimagħtejn komplejna bil-high teas u coffee mornings.

Peress li din hija l- edizzjoni ta' żmien il- festa, irridu ninfurmawkom bl- attivitajiet festivi li għandna għalikom. Nibdew bil-}amis 7 t'Awissu 2008 fejn ikun xahar qabel il- festa u norġanniżżaw il-get together. Il-Ġimgħa 8 t'Awissu 2008 ser isir il-famuż pelliġrinaġġ devozzjonali. Dan ser isir fil- kunvent tas-sorijiet tal-Klawsura ġewwa l-Belt Valletta. L-aħħar attivita' qabel il-festa hija l-coffee morning ta' qabel il-festa. Dan ser isir l-Erbgħa 27 t'Awissu 2008 fil-lukanda Canifor. Dettalji fuq dawn l-attivitajiet joħorġu aktar 'il-quddiem.

Biex nagħlaq nixtieq ngħidilkom grazzi tas-sapport li dejjem urejtu magħna. Il-festa t-tajba. Viva Santa Katarina il- Patruna taż-Żurrieq kollu.

**FRATELLI TAS-SANTISSMU SAGRAMENT U L-QALB TA' ĠESU'**

**Inħeġġu lill-Fratelli tal-konfraternita' tas-Santissmu Sagrament u l-Qalb ta' Ġesu' biex jattendu għat-translazzjoni tal-festa titulari ta' Santa Katarina V.M. is-Sibt 6 ta' Settembru 2008 fis-5.45pm, u għall-purċissjoni l-Ħadd 7 ta' Settembru 2008 fis-7.00pm.**

**SOUVENIRS**

**Tħallix il-festa tgħaddi u ma jkollokx Souvenir tal-Festa Titulari f'ġieħ il-Patruna tagħna Santa Katarina V.M. Fost ħafna affarijiet issibu:-**




**OĦRA**

**CD u DVD "Għal Dejjem Żagħżugħ"**
**CD "Insellmulek Katarina"**
**CD Musical "Jisimni Katarina"**
**Bnadar żgħar tal-Karozzi**



## Sotto Kumitat Armar

*- Moses Camilleri -*
*Viċi Chairman*

Għeżież Palmisti,

Reġgħet waslet edizzjoni oħra tal- gazzetta li taħbat dik ta' qabel il-festa. Fix- xahar sabiħ ta' Settembru aħna ż-Żrieraq inkunu niċċelebraw bil-kbir il-festa tal-Patruna tagħna Santa Katarina u għalhekk f'dawk il-jiem inkunu nieħdu r-riżultat u l-frott ta' sena ħidma li nkunu wettaqna.



BBQ KBIR LI SAR ĠEWWA L-GARDEN OF EDEN BEJN IS-SEZZJONI ARMAR U NAR

Kienet sena ta' ħidma ntensiva fejn il-proġġett prinċipali fil-mument huwa t-trofej il-ġdid meravilja ta' Triq Pietru Pawl Saydon. Dan is-sett trofej huwa fuq disinn tas-Sur Jeremy Cachia segretarju tas-sezzjoni, fejn wera l-kapaċitaijiet tiegħu fl-oriġinalita' u l-livell artistiku. Dan ser ikun inawgurat fil-ġranet tal-festa. Barra dan il- proġett ambizzjuż sar ħafna xogħol ieħor fuq armar ġdid, liedna, manutenzjoni ta' festuni, lift ieħor fil-maħżen, sfumar ta' bandalori etc…

Bħala attivitajiet ta' fund raising għandna lotterija ta' nkwadru ta' Santa Katarina li qed inkunu nduru bieb bieb u ser jitla' fil-festa. Għandna lotterija mal-prima fl-aħħar ġimgħa ta' kull xahar għall-inkwadru ritratt professjonali ta' Santa Katarina. Għandna wkoll skema ta' ġbir għat-trofej il-ġdid li b'€50 timla kaxxa u tkun qed timmarka s-sehem tiegħek f' dan il-proġett hekk kbir. Ser ikollna bandieri mdaqqsin għall-bejgħ sabiex wieħed itellagħhom matul x-xahar tal-festa.

Inħeġġeġ biex min irid għajnuna sabiex itella' l-arblu ma jħallix għall-aħħar u javviċina lil xi membru tal-kumitat. Inħeġġeġ ukoll sabiex aktar membri jtuna l-għajnuna tagħhom sabiex jintrama' u jiżżarma l-armar. Ser ikun hemm programm imwaħħal man- notice board fil-bar tal-każin li juri kull ġurnata fejn ser inkunu narmaw. Kull għajnuna kbira jew żgħira tgħodd.

Grazzi kbira u mill-qalb lil kulħadd tas-sapport li dejjem sibna mingħandkom u ejjew mela flimkien Palmisti niċċelebraw l- akbar festa fiż-Żurrieq.

*Katarina ilqa biss imħabbitna, Illi kellna u għandna għalik,*
*Twarrab qatt ħarstek ħelwa minn fuqna, Għaliex aħna mkabbrin bil-wisq bik.*
*Viva Santa Katarina Verġni u Martri Omm u Padruna taż- Żurrieq għal dejjem.*

## Sotto Kumitat tan-Nar

*- Alan Schembri - Kaxxier*

Erġajna wasalna għal darb'oħra għall-aħħar messaġġ f'din il-ħarġa tal-gazzetta, qabel ma nibdew il-preparamenti finali biex naraw ir-riżultati tal-ħidma tagħna matul din is-sena 2008. Ma nistax ma ngħidx li din kienet waħda speċjali minħabba ċirkostanzi kemxejn koroh li għaddejna minnhom fil-bidu tal-ħidma tagħna għall-festa ta' din is-sena. Iżda bħal ma jgħid il-Malti wara l-maltemp jiġi l-bnazzi u hekk emminna aħna fil-grazzja li tagħtina Santa Katarina V.M kuljum, billi komplejna bil- ħidma tagħna b'kuraġġ u b'determinazzjoni sabiex nerġgħu nakkumpanjaw il-festa li tant inħobbu b'programm pirotekniku mill-aħjar mod li stajna u ta' livell li aħna kapaċi ntellgħu. Hawnhekk nieħu l-opportunita' sabiex nirringrazzja lill-familjari kollha tagħna tal-paċenzja li jieħdu bina u tas-sapport li jagħtuna l-ħin kollu.

Dan it-twemmin tana kuraġġ ukoll sabiex inkomplu norganizzaw attivitajiet sabiex nagħmlu tajjeb għall-ispejjeż li reġa' għandna din is-sena. Issa li wasalna f'dan iż-żmien u l-attivitajiet resqu lejn tmiemhom, huwa ż-żmien li niffukaw sew fuq il-ġbir tal-arbular. Għalhekk issa huwa d-dmir tagħkom sabiex kif dejjem kontu, tkomplu tkunu ġenerużi ma' din is-sezzjoni fi ħdan is-soċjeta' mingħajr ebda simpatija iżda dak li tagħtu, tagħtuh minn qalbkom. Dan iwassalna sabiex inkunu nistgħu nilħqu l-miri tagħna. Għalhekk min-naħa tas-sotto kumitat tan-Nar, nixtieq navża li l-kolletturi għal din is-sena se nkunu jiena Alan Schembri (Kaxxier), is-Sur Emanuel Farrugia, is-Sur Joe Briffa, is-Sur Manwel Bugeja u s-Sinjura Angela Mallia.

Qabel ma nagħmel il-konklużjoni tiegħi nixtieq infakkar li bħas-soltu se nerġgħu norganizzaw il-BBQ grandjuż ta' wara l-festa nhar is-Sibt 13 ta' Settembru 2008. Nagħlaq billi se nerġa' nieħu l-opportunita' biex f'ismi u f'isem sħabi nirringrazjawkom bil-quddiem tal-appoġġ u l-fiduċja li tagħtuna. Fl-aħħar u mhux l-inqas ma nistax ma nirringrazzjax lil Santa Katarina V.M. li ta' kuljum iżżomm idejha fuqna sabiex magħna tkun qiegħda ġġedded l-istess imħabba dejjiema ta' bejnietna. Grazzi.

**IKLA KBIRA ĠO MISRAĦ IR-REPUBBLIKA**
**Il-Ħadd 24 t'Awissu 2008 filgħaxija mas-Sotto Kumitat Armar u Nar**
**KULĦADD MISTIEDEN - DIVERTIMENT GARANTIT**

**FLOKKIJIET ĠODDA**
**Flokkijiet bit-tema "Santa Katarina V.M. – 190 sena ssebbaħ it-tempju u r-raħal tiegħek" għall-Bejgħ mill-Bar tal-Każin jew mingħand is-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti. Għandna sizes sew għall-Kbar kif ukoll għat-tfal.**



# SANTA KATARINA FIL-LETTERATURA

## Sunetti ddedikati lil Santa Katarina V.M.

*Ħajr lis-Sur Emanuel Caruana. Min jixtieq isellifna xi sunett għall-istampa, jikkuntattja lill-Editriċi.*



[illegible]

LIL

EROINA TA LIXANDRA

SANTA CATARINA V. M.

PADRUNA U PROTTETRICE PRINCIPALI

TAZZURRIEK

[illegible] TA NOVEMBRU [illegible]

O Gharusa ta Gesù
Xbeiba mkaddsa Caterina
Int il ferh u il hena tghona
Int il gisiel l'unur u iz-zina.

Fost l'eluf tal kaddisin
Fost il cotra tal beati
Inti ushdee bi protetrici
Dar tieghu ried lilna jati.

B'ferh hanin ghalec nissiehbu
Ahna il coll blex infahhruc
Dic il kima li tisthokloc
B'kalbna colla ahna natuc.

Is-sliem ghalic ghaloc neidulech
Vergni u Marti kalbenija
Is-sliem ghalie O Difensura
Min tal-Fidi nisrania.

Is-sliem ghalic O eroina
Ta l'Egittu fein bateit
Fein biz-zelu chir min tighec
Poplu chir le-convertiet.

Hares harsa leina im-mela
Bhala ulied mahbubien tighec
U lil Gesù ghalina itlob
Sabiex nigiu ingandu mighec.

DEVOT

Design & Printing: Tel: 21250994/3

SEGWI L-FESTA LIVE FUQ www.stcatherineband.org.mt
IL-WEBSITE UFFIĊĊJALI TAS-SOĊJETA MUŻIKALI , SITE MILL-AQWA,
DEJJEM AĠĠORNATA B'RITRATTI, INFORMAZZJONI U HAFNA AKTAR.